MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 462/2000/1

**Alfred Camilleri**

**vs**

**Mario Grech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :-

Illi fit-3 ta’ Dicembru 1999, gewwa Marfa Road Mellieha waqt li l-konvenut qed isuq it-truck numru JAF 448 huwa kien involut f’kollizzjoni mal-Van Transit numru AAC 562 misquq minn David Camilleri u propjeta’ tal-attur;

Illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi l-attur sofra danni konsiderevoli fil-vettura tieghu hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas huwa baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhux jigi dikjarat minn dina l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi; ghaliex m’ghanhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi u konsegwentement ma ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi ghaxar liri maltin u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurzzjoni tal-konvenut ai terimin tal-Kap 104, kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi huwa mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni liema incident gara tort unikament tas-sewwieq tal-vettura tal-attur u illi ghalhekk huwa mhux responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2001 minn fejn jirrizulta li bi qbil mal-partijiet il-Qorti ordnat li l-provi kolha fil-kawza citazzjoni numru 614/00 ghandhom jitqiesu li

saru ukoll f'din il-kawza u ghalhekk gie ordnat li d-deposizzjonijiet kollha u l-affidavits kollha u dokumenti kollha li jistghu jsiru fl-imsemmija kawza citazzjoni numru 614/00 ghandhom jitqiesu bhala formanti parti integrali minn din il-kawza;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza citazzjoni numru 614/00 fl-ismijiet "Mario Grech vs. David Camilleri" minn fejn jirrizulta li ma saru l-ebda provi;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fit-3 ta' Dicembru 1999 sehh incident stradali f'Marfa Road Mellieha. Involuti f'dan l-incident stradali kienu l-konvenut, li kien qed isuq it-trailer numru ta' registrazzjoni JAF 448 u David Camilleri, bin l-attur, li kien qed isuq il-Van Transit numru AAC 562, proprjeta' tal-attur;

Fic-citazzjoni l-attur jippretendi li dan l-incident stradali sehh unikament b'tort tal-konvenut u ghalhekk, skond l-istess attur, il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal kollizzjoni in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati d-danni relattivi u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni liema incident gara tort unikament tas-sewwieq tal-vettura tal-attur;

Jigi rilevat li l-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li huwa ssottometta fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Huwa naqas ukoll li jghamel provi fil-kawza l-ohra

(citazzjoni 614/00), li giet trattata flimkien mal-presenti u li giet promossa mill-konvenut attwali bhala attur;

Jigi rilevat ukoll li l-ebda wiehed mis-sewwieqa taz-zewg vetturi involuti f'dan l-incident ma xehed f'dawn il-proceduri. L-attur, li kif gia gie rilevat hu s-sid ta' wahda mill-vetturi involuti fil-kollizzjoni in kwestjoni, pero' pproducja diversi xhieda;

Mill-kumpless ta' provi prodotti jirrizulta li meta s-Surgent tal-Pulizija 122 Jimmy Muscat wasal fuq il-post tal-incident, ftit tal-hin wara li sehh l-istess incident, bin l-attur li kien qed isuq il-vettura tal-istess attur Transit numru ta' registrazzjoni AAC 562 kien ghadu fil-post tal-kollizjoni bl-imsemmija vettura li kien qed isuq. Il-konvenut li kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta fl-incident kien telaq mill-post tal-incident bil-vettura li kien qed isuq. Il-vettura li kien qed isuq il-konvenut kienet trailer li kien qed jigbed karru b'dghajsa fuqu. In effett l-iskizz li pproducja l-istess Surgent hu immaginarju kwantu jirrigwarda l-posizzjoni tal-istess trailer. Jidher, pero', li l-konvenut rega rritorna fuq il-post tal-incident stante li fir-rapport tal-istess Surgent hemm indikat xi stqarr l-istess konvenut lill-istess Surgent dwar kif sehh l-istess incident;

Jirrizulta, b'mod partikolari minn dak li stqarru s-sewwieqa tal-vetturi lis-Surgent li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni, mill-iskizz u minn xhieda prodotti mill-attur, li s-sewwieq tal-vettura tal-attur kien ghaddej, b'velocita' moderata u fuq in-naha tieghu tat-triq, f'Marfa Road, Ghadira, Mellieha meta f'hin minnhom il-konvenut hareg fuq l-immsemmija triq minn triq ohra laterali li tiehu ghal "slip-way" u dana bit-trailer b'kollox tieghu u bir-reverse. Jidher li l-konvenut qabad u hareg minnghajr ma ta' kaz ta' traffiku li seta' kien ghaddej minn Marfa Road. Inoltre jirrizulta li l-karru, li kien qed jigbed il-konvenut bit-trailer tieghu, fuq in-naha ta'wara ma kellux dwal u dan meta jirrizulta li kien beda jidlam (jekk ma kienx gia' dalam) fil-hin li sehhet il-kollizjoni;

In vista ta' dan kollu l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u

ovvjament ghad-danni konsekwenzjali li sofra l-attur fil-vettura proprjeta tieghu. Jrrizulta li van Transit numru ta registrazzjoni AAC 562, proprjeta tal-attur, bhala konsegwenza tal-kollizzjoni in kwestjoni kien “beyond economical repair” u ghalhekk “total loss”. Il-valur tar-“wreck” gie valutat ghas-somma ta’ tliet mitt lira (Lm300), filwaqt li l-valur tal-van qabel il-habta gie kalkolat li kien elfejn u hames mitt lira (Lm2500). Ghalhekk id-danni relattivi sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ elfejn u mitejn liri maltin (Lm2200);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur u b’hekk tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ elfejn u mitejn liri maltin (Lm2200) u konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur in linea ta’ danni l-imsemmi ammont ta’ Lm2200 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------